# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1154

KAZ NRU. 1326

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Elton Caruana

u

VBP Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 9 ta' Novembru, 2000

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 15 ta' Marzu, 1999 riferenza MSP/TI/27/99 biex din il-Kwistjoni tigi ezaminata u deciza skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant fl-istatment of case tieghu irrittjena li kien inqala argument bejnu u certa Roberta Agius wara li din ta' l-ahhar riedet taghlaq bieb u peress li hi kienet resqet vicin tieghu biex twettaq att ta' vjolenza fuqu hu kellu jagixxi biex jiddefendi ruhu li b'rizultat kienu nvoluti erba' min-nies ohra.

Sostna wkoll li l-management kienu baghtu ghalih biex jiffirma karta ta' terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu, fejn m'accettax

u spicca biex l-istess management hadha bhala theddida u gie rappurtat lill-pulizija.

Sostna li peress li Roberta Agius kellha hbiberija mas-supervisor Mario Mercieca, jifhem li kienet saret pressjoni biex l-azzjoni fil-konfront tieghu issehh.

Iddikjara wkoll li dejjem ghamel xoghlu sew u li ma kienx jammonta li jitkecca.

Min-naha taghha, l-kumpanija ddikjarat li l-appellant tkecca kawza ta' insubbordinazzjoni u ksur tal-buon ordni u dixxiplina fil-fabbrika.

Il-kumpanija elenkat b'ordni kronologiku l-mod kif wasslu ghat-tkeccija ta' Elton Caruana. L-incidenti bdew fit-18 ta' Frar, 1999 meta nqala' l-argument bejn l-appellant u Roberta Agius dwar jekk bieb kellux jinfetah jew jinghalaq. L-appellant qabad pett taz-zarbun u waddbu fid-direzzjoni ta' Roberta Agius. Din ta' l-ahhar xehtet lura dan il-pett taz-zarbun u f'daqqa wahda qam irvell li gew involuti diversi haddiema.

Bl-intervent tal-management giet restawrata l-ordni taht ghajnejn Mario Mercieca sakemm jikkalma. Wara gie allegat li l-appellant rega' holoq storbju iehor u qabad imghazqa, dahal fix-shop floor u waddabha fid-direzzjoni ta' Roberta Agius minkejja l-isforzi ta' Franco Mattucci, l-General Manager.

Fil-ghaxija Mario Mercieca kien mitlub mill-General Manager biex imur id-dar ta' l-appellant biex jissuggerilu li kien jaqbillu jirrizenja minflok li jigi mkecci. L-appellant jinghad li qabel ma dan is-suggeriment izda ftit wara rega' cempel lil Mercieca li ma kienx sew li jitkecca hu biss u akkuza lil Mario li qed izomm ma Roberta.

L-ghada, Elton mar il-fabbrika u kellmuh il-management. Il-General Manager, Franco staqsa "xi trid taghmel?" u Elton irrisponda li ried jibqa' jahdem maghhom ghax kien kuntent u li kien lest igib ruhu sew. Il-General Manager qallu li ma kienx ikun difficli sa qabel l-incident ta' l-imghazqa , izda l-incident ghamilha difficli. Elton wiegbu li dak il-hin kien ga qieghed iqis ruhhu bhala li tkecca.

Wara numru ta' interventi u tal-Pulizija, Elton gie sospiz bil-kundizzjoni li jekk jinqala' xi ncident iehor, jitkecca.

L-appellant inghata ittra ta' sospensjoni datata 1 ta' Marzu.

Fl-istess hin l-impjegati l-ohra li kienu nvoluti gew ukoll dixxiplinati.

Fit-3 ta' Marzu, l-imgieba ta' l-appellant regghet marret ghall-aghar u ncidenti ohra nqalghu. Wiehed isemmi dwar li Mario Muscat rah ikellem lil Joe Farrugia rigward huh Wayne li kien halla l-kabina ta' l-ispray mixghula waqt il-break meta suppost kellu jitfiha - insulta lil Muscat u heddu li jekk jitkecca "hazin ikun ghalih".

Instemghu numru ta' xhieda fuq il-kwistjonijiet li nqalghu qabel it-tkeccija. L-incidenti gew korroborati u hawn wiehed isemmi li rwol tal-Pulizija P.S. 94 Mario Camenzuli li wiehed ghandu jikkommenda ghal mod kif u ghas-suggerimenti li offra biex dan il-kaz jigi kontrollat ghal mod uman u korrett li mexa.

It-Tribunal wara li studja bir-reqqa x-xhieda kemm ta' l-appellant u dawk tal-kollegi tieghu u dawk tal-management iqis li l-incidenti li sehhu kienu serji u li l-konsegwenzi setghu kellhom termini serji. L-atteggjament tal-kumpanija li fl-incident ta' l-imghazqa li taghti sospensjoni minflok tkeccija

nija kommendabbli u wriet maturita' u gharfien ghall-fatt li l-appellant gie mghotti chance iehor.

Gie affermat ukoll li dawk li kienu nvoluti fl-incident jirceivu twissijiet skond il-grad ta' l-offiza.

Hija hasra li wara li t-tkeccija giet mibdula ghal-sospensjoni, l-appellant rega' kellu ncidenti ohra. Wiehed kien jistenna li l-appellant jaghmel l-almu tieghu biex jiddeporta ruhhu sew.

Jidher li dan ma sehhx kif hareg mix-xhieda.

It-Tribunal wara li kkunsidra l-kaz taz-zewg partjiet, ix-xhieda ghar-rigward tal-fatti tal-kaz, jiddeciedi li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ghar-raguni gusta.

Ghal-finijiet tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira maltin).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg